Aww 2012

ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR



# 10 SNIN MAGĦNA

Attività sinonima mas-Sajf u mar-raħal tan-Nadur hija d-**Delicata Classic Wine Festival** - li din is-sena qed tiċċelebra għeluq l-10 snin tagħha. Bħal kull sena, din l-attività mistennija tiġbed eluf ta' Għawdxin u Maltin, b'mod speċjali dawk kollha li huma dilettanti tal-inbid lokali. Għal bqija, ix-xenarju mill-isbaħ li jitgawda minn Ġnien il-Kunsill u id-divertiment kontinwu minn gruppi u artisti lokali huma żgur raġunijiet oħra għaliex dawn il-jiem huma daqshekk popolari. L-edizzjoni speċjali ta' din is-sena se ssir bejn il-31 t'Awwissu u t-2 ta' Settembru. Fost id-diversi artisti li se jieħdu sehem insemmu lill-grupp Airport Impressions, Novel u Cash & Band. Stands b'kull tip ta' ikel, minn ftajjar sa ikel Ċiniż u open air restaurant fejn wieħed jista' jpoġġi bilqiegħda u jiekol xi ħaga tajba, ser jiġu armati apposta.

# Xogħlijiet



Tlestija ta' Ħitan tas-Sejjieħ f'Wied Binġemma



Tlestija ta' *Railings* tal-injam f'San Blas



Passaġġ fir-raba fi Triq ta' Majza



Tindif minn ġebel perikoluż f'Daħlet Qorrot




Tqegħid ta' *Welcome Sign* ġdida



## L-Ewropa fuq ir-Roti

Tour b' xejn għal Malta li jeħodna naraw diversi proġetti li saru jew qed isiru bil-finanzjament Ewropew. L-għan ta' din l-attività hu propju li tiżdied il-kuxjenza fost il-Maltin u l-Għawdxin dwar il-proġetti b' ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja u dwar l-impatt tagħhom fuq il-kwalità tal-ħajja tagħna. Il-Kunsill tan-Nadur ser jorganizza dan it-tour nhar il-Ħamis 20 ta' Settembru. Dawk interessati għandhom jinkitbu fl-uffiċċju, il-Kunsill.

## Ċentru Klabb 3-16

Sa Ottubru li ġej il-Gvern ser jiftaħ ċentru ta' Klabb 3-16 fin-Nadur, bl-iskop li joffri servizz lil studenti bejn it-3 u s-16-il sena, wara l-ħinijiet tal-iskola. Dan is-servizz hu maħsub biex jipprovdi opportunità u spazju fejn il-ġenituri jew carers ikunu jistgħu jħallu t-tfal wara l-ħin tal-iskola u fil-vakanzi. Tħejja programm ta' attivitajiet, li jinkludi l-Home Work u attivitajiet kreattivi fil-ħin li l-istudenti jagħmlu użu minn dan is-servizz. Dan huwa servizz li jkompli jagħti edukazzjoni tal-ogħla kwalità u li jintroduċi miżuri li jgħinu biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol.



# Festa 2012





Esebizzjoni ta' Statwi Antiki



Wirja ta' Karozzi Klassiċi







Attività tat-Tfal



Parata mill-Banda tal-Forzi Armati





Ikla Tradizzjonali tal-Imnarja







Wirja Agrarja



# Avviżi

## Ħinijiet Ġodda għal-Librerija

Il-Librerija tan-Nadur hija waħda mill-aktar frekwentati u b'ammont kbir ħafna ta' kotba. Sabiex din issir aktar aċċessibli, dawn huma l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ:

**SAJF**
Il-Ħamis: 8:00am - 12:00pm
Is-Sibt: 9:00am - 12:00pm

**XITWA**
L-Erbgħa: 2:15pm - 4:15pm
Il-Ġimgħa: 2:15pm - 4:15pm
Is-Sibt: 9:00am - 12:00pm

**NOFS TA' NHAR (ĠUNJU)**
L-Erbgħa: 11:45am - 1:45pm
Il-Ġimgħa: 11:45am - 1:45pm
Is-Sibt: 9:00am - 12:00pm

L-impenn tal-Kunsill Lokali huwa li jkompli jkabbar din il-librerija permezz ta' xiri ta' kotba ġodda minn żmien għal żmien.

## Korsijiet Long Life Learning

Il-Kunsill tan-Nadur applika biex jieħu sehem f'korsijiet ta' Life Long Learning fil-Malti u l-Ingliż għar-residenti, Malti u Ingliż għall-barranin, Taljan u Energy Saving Initiatives at home. Aktar dettalji u applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali mit-13 t'Awwissu sal-31 t' Awwissu 2012.

## Ħarġa għall-Anzjani

Nhar it-Tlieta, 21 t'Awwissu ser tiġi organizzata ħarga oħra għall-anzjani. Kollox jibda bi tluq mill-Pjazza tan-Nadur fl-4:00pm. Issir quddiesa f'Ta' Pinu u wara ftit ħin ta' mistrieħ, dawk li jattendu jistgħu jilagħbu ftit Tombla u jieklu ikla tajba għall-frisk fil-bajja tax-Xlendi. Dawk interessati mitluba jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.



## Laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex.

Lejn l-aħħar ta' Ġunju saret laqgħa bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill Lokali tan-Nadur - laqgħa pożittiva li fiha, fost diversi suġġetti, ġie diskuss l-istat tat-toroq arterjali tan-Nadur, fosthom: Triq Ħanaq, Triq ir-Ramla, Triq it-Tiġrija u Triq il-Qala. Kien hemm qbil li fil-futur qarib, l-ewwel toroq li ser jiġu asfaltati b'tarmac ġdid ikunu Triq Ħanaq u Triq ir-Ramla.



## Child Day Care Centre

Matul il-vaganzi tas-Sajf, il-Kunsill Lokali tan-Nadur b'kollaborazzjoni ma' l-Iskola Primarja joffri s-servizz ta' Child Day Care Centre. Din is-sena, dan beda jsir minn nofs ix-xahar ta' Lulju u jibqà sejjer sa' Settembru. Dawk it-tfal li qed jattendu jitgħallmu permezz ta' crafts u ħarġiet kulturali.

## Kunsill taż-Żgħażagħ

Fix-xahar ta' Settembru, ser jiġi mwaqqaf kunsill ġdid taż-żgħażagħ. Dawk interessati għandhom jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jew jibgħatu email bid-dettalji tagħhom fuq *nadur.lc@gov.mt*. Il-membri ta' dan il-Kunsill ġdid jkollom l-opportunità li jitgħallmu jaħdmu fi grupp, jorganizzaw attivitajiet varji mmirati lejn iż-żgħażagħ, jirrappreżentaw lin-Nadur barra minn Malta u jisgħu jwasslu l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tagħhom.



## Daħlet Qorrot Fest 2012

Fil-weekend ta' bejn is-27 u d-29 ta' Lulju, il-Kummissjoni Żgħażagħ Mnarja b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, organizzaw Daħlet Qorrot Fest. Il-bajja ta' Daħlet Qorrot ġiet trasformata f'palk għal talent lokali u post għal logħob divertenti bħall-Kukkanja, Beach Volley, Tug of war u l-famuża Tomato Fight. L-attendenza tal-pubbliku, kemm minn Nadur u kif ukoll minn rħula oħra Għawdxin għal dawn l-attivitajiet kienet kbira.

# Delicata Classic Wine Festival 2012

GNIEN
IL-FAMILJA
NADUR, GOZO
31 AUG - 2 SEP



## SPECIAL GUESTS

31.07.12
NOVEL

01.08.12
AIRPORT IMPRESSIONS

02.08.12
CASH & BAND